# Tlift jew Irbaht ?

Il-lum ghandi 35 sena. Is-sena 1998 kienet ghalija sena disastrusa meta sirt naf li jiena kont tellief ta' 34 miljun dollaru american fil-lotterija ta' l-istat ta' Michingan. Dak in-nhar tat-tlugh tal-lotterija kont widnejja mar-radju biex nisma' min kien ir-rebbieh ta' dik is-somma tassew favolusa u kbir kien il-ferh tieghi meta sirt naf li n-nurmri rebbieha kienu tieghi. Kont ili nikteb l-istess numru minn mindu kelli sittax-il sena. Ghalkemm kont minuri, missieri kien jikteb dawk in-numri li kont nghidlu jiena. Mort infittex il-qalziet li fil-but tieghu kont zgur li erfajt il-biljett, izda b'ghageb kbir tieghi sibt li ommi kienet poggietu ghall-hasil fil-mag na nofs siegha qabel biss.



Bil-genn li qabadni tfejt il-magna u wara li fittitx il-qalziet fost il-hwejjeg l-ohra dahhalt idi fil-but ta' wara biex nohrog il-biljett, innixxfu u wara nippresentah ghall-premju. Qalbi waqfet x'hin f'idejja hareg romblu zghir mghaffeg ta' karti. Ftahtu bil-mod izda l-karta terriet u tqattet. U mill-ftit li stajt insalva indunajt li n-numri kienu ghebu . Ma kien jiswa xejn.

Dak il-hin hadtha kontra ommi li tellfitni fortuna hekk kbira. Ma inqastx li gergirt kontra Alla li ma halliniex nigbor dik il-fortuna. F'mohhi kelli pjanijiet ta' karita' kbar. 34 milljun dollaru ma jispiccaw qatt. "Ghaliex grali hekk O Alla?" tnehidt wahdi. "Ridt nghin lil batut ma ma kellix ic-cans li naghmel dan bil-flus rebbieha."

Kellu jghaddi ftit taz-zmien sa ma bridt mill-korla . Meta gejt f'tieghi, u bdejt nirraguna ersaqt lejn Fr. Bill u dan fakkarni li dawk il-flus ma kienux tieghi ghax zgur li ma kienux ser iressquni lejn Alla. Kien hemm raguni ghala Alla ma ippermettix li jiena nirbahhom. Dak il-hin ma stajtx nifhem dak li kien qed jghidli.

Iz-ziju Joe x'hin sema bl-ahbar ipprova jikkonslani u hajjarni inkompli nilghab bit-tama li nirbah ghax skond kliemu, kien hemm ragel f'Colorado li rebah il-lotterija erba' darbiet. U dan kien il-kagun li jiena gejt mahkuma mill-vizzju tal-loghob. Kont qed nilghab u nilghab bla kontroll u il-flus kienu hegin bhal gelgul. Ma nqastx li mmur fil-kasino. Meta mort inqerr stqarrejt li f'siegha wahda biss kont tlift hames mitt dollaru. Bhala penitenza l-konfessur tani li naghti l-istess ammont ta' flus karita'. Domt sitt xhur biex nwettaq il-

penitenza ghaliex ridt naghzel komunitajiet verament fil-bzonn. Meta ergajt stqarrejt il-problema tal-loghob fil-qrar, Fr. Bill ried li bhala penitenza nitbieghed mill-kasinos tul ir-Randan. Ghalkemm ghidtlu li dan kien impossibli, ghax ghal jum twelidi hbiebi kienu ser johduni hemm, is-sacerdot kompla jinsisti li hemm bzonn li inzomm kelmti.  U hekk ghamilt tul ir-Randan kollu.  Domt tlett snin nithabat ma' din il-problema u dejjem inqerr l-istess vizzju.

Fl-ahhar hadt decizzjoni.  Kont belha li nahli z-zmien, l-energija u flus fil-loghob. Qtajt l-attendenza tieghi fil-kasinos ghalkemm f'Jum ir-Ringrazzjament mort darba ohra.  Kien permezz tas-sagrament tar-rikonciljazzjoni li jiena irbaht lili nnifsi.



Il-vizzju rega' deher quddiemi u hajjarni nintelaq ghall-kurrent tieghu meta l-premju tal-lotterija kien tela ghal 80 miljun dollaru. Bdejt nahseb x'gid kbir nista naghmel b'dawk il-flus kollha. Sahansitra tajt xi numri lil hbiebi biex jilghabuhom. Hassejtni hatja u mort f'riglejn il-konfessur nitlob mahfra mill-gdid.

Issa nhossni persuna libera, marbuta ma' l-ebda vizzju.  Gharaft kemm is-sagrament tar-rikonciljazzjoni hu wiehed mit-tezori tal-fidi kattolika. Sakemm kont nersaq lejn is-sagrament kont inhossni nervuza ghax kont nisthajjel fuq dak li seta' jghid fuqi l-konfessur.  Imma iz-zmien immaturani u nhoss li bidilni minn fuq sa isfel.  L-umilta' li wiehed ihoss biex jistqarr dnubietu ma hiex haga hafifa, izda bil-grazzja ta'Alla kollox jista jkun.  Il-qrar jaghmilna nies godda.  Jghinna lkoll biex nuzaw l-grazzja ta' dan is-sagrament biex nakkwistaw il-premju.  Il-premju tal-Genna.